

Brussell, 3 ta' Ottubru 2024  
(OR. en)

13865/24  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 47  
COMPET 965  
IND 452  
MI 825  
RECH 418  
ESPACE 81

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))

26 ta' Settembru 2024

### Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Il-futur tal-kompetittività Ewropea, l-indirizzar tal-isfidi li qed jiffaċċaw l-industrija u n-negozji fis-suq uniku 13253/24  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

4. Il-qafas dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kontribut tiegħu għall-objettivi tal-politika tal-UE 13272/24  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punt "A" mhux leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 13577/24****Dwar il-punt "A"  
nru 10:**

**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa**  
*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA**

"Fl-ispirtu ta' solidarjetà ma' Stati Membri oħra tal-UE li qed jiffaċċaw il-konsegwenzi ta' ħsara serja kkawżata mil-lupu lill-bhejjem, l-Estonja tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u l-ambjenti naturali tal-Ewropa, li tippresupponi t-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tal-lupu.

Fl-istess ħin, l-Estonja ttenni l-importanza li d-deċiżjonijiet li jittieħdu fi kwistjonijiet ta' bijodiversità jkunu konsistenti u bbażati fuq ix-xjenza, u tinnota f'dan ir-rigward li l-aktar stampa ġenerali aġġornata bbażata fuq ix-xjenza dwar l-istatus tal-lupu fl-UE ser tkun disponibbli sas-sajf tal-2025. L-Estonja ttenni li t-teħid tad-deċiżjoni preżenti ma għandu jantiċipa l-ebda proposta u deċiżjoni futura dwar id-Direttiva dwar il-Habitats u li, jekk id-deċiżjoni preżenti tingħata appoġġ fil-konvenzjoni ta' Bern, il-bidliet sussegwenti fl-Annessi tad-Direttiva dwar il-Habitats jiġu limitati strettament għall-kwistjoni tal-lupu, u tal-lupu biss.

Fl-Estonja, il-lupu huwa animal nazzjonali u dejjem kellna popolazzjoni vibranti u numeruża ta' lpup. Mas-snin ksibna ħafna esperjenza dwar kif niżguraw il-koeżistenza sikura mal-karnivori selvaġġi, u ninsabu lesti naqsmu din l-esperjenza. Minkejja l-fatt li l-Estonja għandha eċċezzjoni biex jiġi rregolat l-għadd ta' lpup, irnexxielna nkatru l-għadd ta' lpup f'dawn l-aħħar deċennji. Din il-possibbiltà żiedet ukoll it-tolleranza lejn l-ilpup, li hija waħda mill-aspetti ewlenin tal-konservazzjoni tal-ilpup u l-koeżistenza mal-miżuri ta' konservazzjoni tan-natura."

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Ir-ritorn tal-lupu u r-ripopolazzjoni tiegħu ta' żoni fejn kien jgħix fil-passat aggravaw il-konflitti bejn il-ġestjoni tal-mergħat u l-protezzjoni tal-ispeċijiet. B'mod partikolari, it-trobbija tan-nagħaġ u l-biedja alpina qed jiffaċċaw sfidi li ilhom ma jfeġġu għal aktar minn 150 sena.

Jeħtieġ li dawn l-isfidi dejjem akbar jiġu indirizzati u solvuti b'mod intensiv.

Il-koabitazzjoni tal-ilpup u l-ġestjoni tal-mergħat teħtieġ kunsiderazzjoni bbilanċjata tal-ħtiġijiet u l-interessi kemm tal-użu tal-art kif ukoll tal-protezzjoni tal-ispeċijiet.

Il-Ġermanja tenfasizza li miżuri preventivi huma kruċjali biex jitnaqqas it-telf ta' animali li jirgħu u biex tiġi ffaċilitata din il-koabitazzjoni. Għalhekk, il-Ġermanja tappella għat-tkomplija u t-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għall-ġestjoni tad-digi, iż-żoni muntanjużi u l-mergħat.

Enfasi fuq il-lupu hija meħtieġa biex isir progress immirat u jinkisbu riżultati tajbin. Fil-fehma tagħna, jekk il-lupu jiġi riklassifikat fil-Konvenzjoni ta' Berna, jeħtieġ li t-traspożizzjoni fid-dritt tal-UE tkun limitata għal-lupu biex jiġi żgurat li l-politika tal-UE dwar il-ħarsien tal-bijodiversità tibqa' intatta. Għalhekk nilqgħu l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel dan permezz tad-dikjarazzjoni bil-miktub li saret illum."

## DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Meta jitqiesu d-data referenzjata reċenti dwar il-popolazzjoni tal-lupu fil-Kontinent Ewropew kif ukoll l-indikazzjonijiet ta' xejriet ta' żieda fiha, u b'kont meħud tal-ħsara li qed issir lill-bhejjem f'ħafna pajjiżi Ewropej, inkluż lil xi attivitajiet ta' trobbija tal-bhejjem f'żoni muntanjużi f'pajjiżna, il-Greċja tista' fil-prinċipju tappoġġa l-proposta għall-adattament tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis Lupus*) skont il-Konvenzjoni ta' Berna kif tidher fl-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (dokument 13258/24) dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni fl-44 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tagħha.

Aħna nosservaw ukoll li, fil-livell nazzjonali, sa tmiem l-2025 ser tkun disponibbli biżżejjed evidenza xjentifika dwar l-istatus effettiv tal-lupu kif ukoll ta' speċijiet oħra, permezz ta' valutazzjoni li qed tiġi appoġġata finanzjarjament mill-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-approċċ u l-kriterji segwiti fil-proposta tal-UE għall-emendar tal-istatus tal-lupu għandhom jiġu segwiti għal speċijiet oħra wkoll, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-oġġettività, filwaqt li dejjem jitqiesu d-data ta' monitoraġġ kontinwu u l-evidenza xjentifika biex jiġi żgurat il-ħarsien tal-ambjent naturali u l-bijodiversità tal-Kontinent Ewropew."

## DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA

"Fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li qed jiffaċċaw il-konsegwenzi tal-ħsara serja kkawżata mill-ilpup lill-bhejjem, ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u l-ambjenti naturali tal-Ewropa, li tipproponi t-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ilpup.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li t-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tal-lupu u t-tqegħid tiegħu fuq il-lista ta' speċijiet fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni, li jistgħu jiġu kkaċċjati, la huma suffiċjenti u lanqas mhuma l-uniku mod kif tista' tiġi indirizzata l-problema tal-ħsara lill-bhejjem. Ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li l-flessibbiltà fil-ġestjoni permezz ta' pjanijiet ta' ġestjoni u ż-żamma tal-lupu fil-lista ta' speċijiet strettament protetti fid-Direttiva dwar il-Habitats jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, flimkien ma' aktar sforzi biex jiġu protetti l-bhejjem u appoġġ finanzjarju u edukattiv xieraq għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, huwa mod possibbli u tajjeb biex tiġi żgurata l-koeżistenza fit-tul ta' karnivori kbar u bnedmin."

## DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Madwar 20 sena wara li sar l-ewwel ċensiment nazzjonali tal-lupu fl-2002/2003, iċ-ċensiment li tlesta issa jipprovdi data ġdida dwar iż-żona abitata minn din l-ispeċi u dwar l-għadd stmat ta' gruppi ta' lpup, kif ukoll analiżi tax-xejra f'dawn il-parametri.

Wieħed mill-fatturi ewlenin li jipperikola l-konservazzjoni tal-ilpup fil-Portugall huwa l-mewt ikkawżata mill-bnedmin, li f'ħafna żoni tibqa' responsabbli għall-ġħajbien tal-ispeċi u/jew tal-gruppi.

Ir-riżultati miksuba fiċ-ċensiment jindikaw li ż-żona abitata mill-ilpup fil-Portugall ċkienet f'dawn l-aħħar għoxrin sena, għar-reġjun ta' Trás-os-Montes u għan-Nofsinhar tad-Douro, fiż-żona ta' madwar il-wied ta' dik ix-xmara. Madankollu, l-għadd ta' gruppi identifikati naqas ftit biss fil-livell nazzjonali, filwaqt li dehru xejriet differenti ħafna fl-erba' ċentri eżistenti tal-popolazzjoni.

Għalkemm huwa żgħir, dan it-tnaqqis ġie miġġieled bl-ottimizzazzjoni tal-proċessi biex jitnaqqas il-konflitt assoċjat mal-ħtif ta' bhejjem mill-ilpup, billi ttejbet u ġiet simplifikata s-sistema ta' kumpens għall-ħsara attribwita lill-ilpup u billi ġiet promossa protezzjoni aħjar tal-bhejjem, inkluż billi l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem ngħataw appoġġ kemm tekniku kif ukoll finanzjarju biex jimplimentaw l-aktar miżuri xierqa f'kull kuntest.

Il-Portugall iqis li, rigward is-sitwazzjoni nazzjonali tiegħu, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Berna jipprovdi flessibbiltà adegwata biex tiġi indirizzata kwalunkwe problema assoċjata mal-ġestjoni tal-popolazzjoni tal-lupu Iberiku. Il-mudell ta' ġestjoni tal-Portugall qatt ma ħtieġ l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Berna. Skont il-konklużjonijiet ta' diversi studji legali u xjentifiċi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 jippermettu lill-Portugall jadotta miżuri ta' ġestjoni, inkluż il-qbid, jekk ikun hemm bżonn li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet eċċezzjonali.

Nixtiequ nenfasizzaw is-solidarjetà li biha l-Portugall iqis il-ħtieġa ta' pajjiżi b'sitwazzjonijiet differenti minn dawk tal-Portugall, fir-rigward tal-istatus ta' konservazzjoni tal-lupu, biex dan l-istatus ikun jista' jiġi rieżaminat fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk il-pajjiżi.

Il-Portugall mhux biħsiebu jibdel il-politika ta' konservazzjoni għas-sottospeċi tal-lupu li tinsab fit-territorju tiegħu, il-lupu Iberiku, u biħsiebu jżommha b'mod partikolari fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kompatibbiltà u kumpens tiegħu. Il-Portugall iqis ukoll li dawn il-mekkaniżmi laħqu l-oġettivi ta' konservazzjoni li l-Portugall huwa impenjat għalihom b'rabta ma' din l-ispeċi."

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Jekk tiġi adottata l-bidla fl-istatus ta' protezzjoni tal-lupu skont il-Konvenzjoni ta' Bern, sabiex din il-bidla tiġi implimentata internament, il-Kummissjoni ser timmodifika r-reġim tal-lupu kif meħtieġ skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Habitats. Il-proposta tal-Kummissjoni biex dan isir ser tikkonċerna lil-lupu u lil-lupu biss, u għalhekk ser tkun limitata għal modifika fl-istatus ta' protezzjoni tal-lupu."